MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 166/2003

**Italmal Machinery Limited**

**Vs**

**Ahmed Ben Daoud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta Jannar 2003 fejn
intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici
s-somma ta elf tliet mija u hamsin lira (Lm1350) rapprezentanti l-
bilanc dovut minn somma akbar mislufa lill-konvenut waqt li kien fl-
impjieg mas-socjeta attrici.
Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 18 ta Frar 2003 fejn ikkontesta t-talba attrici stante li ma ghamel ebda transazzjoni maghhom u kwindi ma ghandux jaghti s-somma mitluba. Oltre dan jallega li l-attur personalment ghandu jhallsu s-somma ta Lm920 valur ta oggetti kkonsenjati minnu lill-istess attur liema oggetti jinsabu elenkati fuq id-dokument esebit markat Dok A; Illi jigi osservat pero f’dan l-istadju bikri illi l-konvenut naqas li jressaq kontro-talba f’dan is-sens anke peress li l-kawza nfethet mis-socjeta attrici u mhux mir-rapprezentant taghha f’ismu personali u kwindi ghalhekk l-anqas ma jkun jista jaghti l-kaz li tigi avvanzata eccezzjoni ta tpacija.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Carmelo Dimech rapprezentant tas-socjeta attrici xehed fuq id-diversi ammonti ta flus li gew versati b’self lill-konvenut fuq medda ta zmien fil-kors tal-impjieg tieghu maghhom. Jghid li kien ghamel xi zmien jaffettwa ripagamenti ta Lm10 fil-gimgha. Id-dettalji tal-ammonti mislufa jinsabu indikati fuq erba dokumenti esebiti mill-istess rapprezentant markati Dok CD1 sa CD4. Ix-xhud jissokta jghid li meta beda jinsisti mal-konvenut biex ihallas lura lis-socjeta attrici, l-istess konvenut ipprezentalu lista ta oggetti li hemm f’Dok A esebita mar-risposta u beda jitolbu l-hlas tal-valur taghhom stante li l-konvenut beda jallega li l-istess oggetti kienu tieghu u li kienu jinsabu ghand ix-xhud Carmelo Dimech. In segwitu pero certu Ronnie Balzan kien identifika l-istess lista ta oggetti ndikati mill-konvenut bhala li kienu jappartjenu lilu u mhux lill-konvenut u dan Balzan kien irrilaxxja dikjarazzjoni f’dan is-sens ukoll hawn esebita u markata Dok CD5. Dan gie kkonfermat bil-gurament mill-istess Ronnie Balzan fix-xhieda li huwa ta quddiem dan it-Tribunal u fil-fatt huwa gharaf il-firma tieghu fuq Dok CD5. Ighid ukoll li l-oggetti fuq Dok CD5 huma l-istess bhal dawk fuq Dok A esebit mar-risposta tal-konvenut pero l-firma fuq dan id-dokument ta l-ahhar la kienet tieghu u wisq anqas jgharafha.

Fl-affidavit tieghu il-konvenut jinnega li qatt issellef xi flus minnghand is-socjeta attrici.

Illi l-kwistjoni kollha f'dan il-kaz huwa jekk hux minnu o meno l-fatt jekk is-socjeta attrici silfitx xi flus lill-konvenut. Apparti l-fatt li l-verzjonijiet moghtija miz-zewg nahat huma dijametrikament opposti ghal xulxin, is-socjeta attrici ttentat tressaq prova dokumentarja dwar dan tramite id-dokumenti markati minn Dok CD1 sa Dok CD4. Illi certament wiehed ma jistax jasal ghal konkluzjoni li s-socjeta attrici resqet l-ahjar prova li setghet f'dan il-kaz. Id-dokumenti minnha esebiti Dok CD1 sa Dok CD4 huma semplicement kopji li ma gew awtentikati minn hadd – anzi Dimech ighid li l-firma fuqhom hija ta xi skrivan li ma jafx x'kunjomu ghalkemm jahdem mieghu. Oltre dan ma ngabitx din il-persuna ossia l-iskrivan li kien responsabbli ghal redazzjoni tal-kontenut ta Dok CD1 sa Dok CD4. Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjeta attrici naqqset milli tipprova l-kaz taghha soddisfacentement sal-grad rikjest mill-ligi u kif ukoll tenut kont tal-principju baziku procedurali li min jallega tinkombi fuqu l-oneru tal-prova.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi fuq nuqqas ta provi soddisfacenti tirrespingi t-talbiet tas-socjeta attrici b’dan illi fic-cirkostanzi ghandu jigi kkunsidrat gust u ekwu li l-ispejjes tal-istess ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------